**QORTI TA' L-APPELL**

**IMHALLFIN**
**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn 19 ta’ Novembru, 2001**

**Numru 18**

**Cit. Nru. 2131/95 GCD**

**Fogg Limited u dina in rapprezentanza tas-socjeta’ estera Avon Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghhom Bartholomew Grima a bazi tal-ligi u tal-polza ta’ assikurazzjoni u l-istess Bartholomew Grima**

**vs**

**Jesmond Vella**

**L-Att tac-Citazzjoni**

Is-socjeta’ assikuratrici attrici u l-assigurat taghha Bartholomew Grima ipprocedew kontra l-konvenut b’dan l-att tac-citazzjoni:-

"Din hija kawza dwar habta bejn zewg karrozzi li grat fit-3 ta' Lulju 1995 fi Triq il-Harifa, il-Mosta.

Ic-citazzjoni tghid illi l-attur Bartholomew Grima dak in-nhar kien qed isuq il-karrozza tieghu S-3682 fi Triq il-Harifa, il-Mosta, sejjer lejn Triq ir-Rebbiegha. Grima naqqas il-velocità tal-karrozza tieghu ghax kien qed isuq qrib ta' zewg karrozzi ohra li kienu fuq ix-xellug tieghu; hekk kif kien ghoddu qabez dawn il-karrozzi, il-karrozza S-6050, misjuqa mill-konvenut, li kienet gejja min-naha tal-lemin ta' Grima, baqghet iddur u habtet mal-karrozza ta' Grima.

Billi l-karrozza ta' Grima kienet assikurata mas-socjetà attrici, din, biex taghmel tajjeb ghall-hsarat fil-karrozza assikurata, kif kienet marbuta li taghmel taht il-polza, hallset tliet mija u sebgha u erbghin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm347.53), u hallset ukoll tliet liri u hamsa u erbghin centezmu (Lm3.45) ghar-rapport tal-pulizija, u ghaxar liri (Lm10.00) bhala dritt biex sar *survey*. L-attur l-iehor hallas hamsa u ghoxrin lira (Lm25) *excess*.

Billi l-atturi jghidu li l-in`ident gara bi htija tal-konvenut, huma sejhulu biex jaghmel tajjeb ghad-danni, izda l-konvenut baqa' ma hallasx u ghalhekk l-atturi fethu din il-kawza u qeghdin jitolbu illi l-qorti:

1. tghid illi l-habta grat bi htija tal-konvenut wahdu;

2. tghid li d-danni tas-socjetà attrici huma ta' tliet mija u sittin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm360.98), u li dawk tal-konvenut Grima huma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00), jew somma ohra aktar preciza; u

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lil kull wiehed mill-atturi s-somma li tkun likwidata bhala danni.

Talbu wkoll l-imghax mis-6 ta' Lulju 1995, *i.e.* minn dak in-nhar li s-so`jetà attri`i hallset lill-assikurat taghha, u l-ispejjez, fosthom dawk ta' ittra ufficjali lill-konvenut u lill-assikuratur tieghu".

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenut hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:

1.hu ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici, u din ma wriet ebda polza ta' assikurazzjoni jew li kienet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat kif tghid ic-citazzjoni;

2. l-attur Bartholomew Grima ma ghandu ebda interess guridiku fl-amont mitlub mis-socjetà attrici, waqt li din il-qorti hija inkompetenti *ratione valoris* biex tisma' dwar it-talba tieghu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25);

3. bla hsara ghall-eccezzjonijiet ta' qabel, it-talbiet ta' l-atturi ghandhom ikunu michuda billi l-habta grat bi htija ta' l-attur Grima, li kien qed isuq fuq in-naha hazina tat-triq meta kien hdejn inkrocju;

4.id-danni mitluba huma wkoll wisq, u ghandha tingieb xiehda dwarhom; u

5. it-tieni talba hija zejda, ghax, ladarba qieghed jintalab ammont ta' danni, ma hix mehtiega talba ghal likwidazzjoni, u din it-talba saret biss biex jizdiedu ghalxejn l-ispejjez".

**Decide**

B'sentenza tas-26 ta' Frar, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi wara li cahdet l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames eccezzjonijiet, wara li qieset ir-raba' wahda dwar il-quantum tad-danni, iddecidiet il-kawza billi rriteniet li l-konvenut wahdu jahti ghall-incident; irriteniet illi d-danni tas-socjeta' attrici kienu tlett mija, hamsa u tletin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm335.98c) u dawk ta' l-attur Grima kienu ta' hamsa u ghoxrin lira (LM25); ikkundannat lill-konvenut ihallas tlett mija u hamsa u tletin lira u tmienja u disghin centezmu (LM335.98) lis-socjeta' attrici u hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lill-attur Grima. L-

imghax kellu jiddekorri minn dakinhar minn meta kienet prezentata c-citazzjoni, u cioe' mis-6 ta' Dicembru, 1995. L-ispejjez gudizzjarji kollha jithallsu mill-konvenut.

**<u>Motivazzjoni tas-sentenza appellata</u>**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Qabel ma nidhlu fil-meritu tal-kaz, inqisu l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut, li huma eccezzjonijiet preliminari.
>
> Fl-ewwel eccezzjoni l-konvenut qed ighid li ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-so`jetà attrici.
>
> Is-socjetà attrici hallset lill-attur l-iehor u, meta ghamlet hekk, kienet surrogata fid-drittijiet tieghu, kif jidher mis-*subrogation receipt* esebita fil-process[1]. L-art. 1164 u 1165 tal-Kodici Civili jghidu li min ihallas lill-kreditur bi ftehim espress ta' surroga li jsir flimkien mal-hlas, kif gara fil-kaz tallum, jidhol fil-jeddijiet tal-kreditur.
>
> L-ewwel eccezzjoni hija ghalhekk michuda.
>
> It-tieni eccezzjoni hija ta' inkompetenza *ratione valoris* ghat-talba ta' l-attur Grima billi din it-talba hija ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) biss.
>
> L-art. 161(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jghid illi zewg atturi jistghu jibdew il-kawzi taghhom b'citazzjoni wahda jekk iz-zewg kawzi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minhabba fil-mertu taghhom, kif huwa l-kaz illum. F'dan il-kaz, l-art. 161(5) ighid illi sabiexi tigi stabbilita l-kompetenza tal-qorti, iz-zewg kawzi jitqiesu flimkien.

---

[1] *Fol.* 4.

Fil-kaz tallum it-talbiet ta' l-atturi flimkien jaqghu fil-kompetenza ta' din il-qorti kif kienet meta kienet prezentata c-citazzjoni, u t-tieni eccezzjoni wkoll, ghalhekk, hija michuda.

Nghaddu issa biex inqisu l-mertu tassew tal-kawza.

Il-habta grat hekk: l-attur Grima kien qed isuq fi Triq ir-Rebbiegha sejjer lejn Triq il-Harifa. Kif wasal qrib fejn iz-zewg toroq jaqsmu 'l xulxin, billi kien hemm xi karrozzi weqfin fuq ix-xellug tieghu, gibed lejn il-lemin tat-triq. Dak il-hin, meta Grima kien ghadu ma dahalx fi Triq il-Harifa, minn dik it-triq, fuq il-lemin ta' Grima, gie l-konvenut. Dan minn Triq il-Harifa lewa lejn ix-xellug biex dahal fi Triq ir-Rebbieghu. Iz-zewg karrozzi gew quddiem xulxin u habtu.

Il-konvenut qal, meta xehed fl-20 ta' Jannar 1998, li waqaf fil-kantuniera fejn jiltaqghu z-zewg toroq, u rega' beda jsuq qabel ma saret il-habta[2]. L-i*sketch*[3] juri li, meta saret il-habta, Grima kien ghadu ghal kollox fi Triq il-Harifa, waqt li l-konvenut kien dahal f'dik it-triq ukoll.

Meta sar access fuq il-post, il-qorti setghet tara li, minn fejn qal li kien wieqaf il-konvenut qabel ma rega' beda jsuq u saret il-habta, tista' tara tul sew[4]. Jekk il-konvenut hares sew qabel ma rega' beda jsuq, seta' jara lil Grima gej lejh u li Grima kellu jigbed lejn il-lemin minhabba l-karrozzi parkeggjati fuq ix-xellug tieghu.

Il-konvenut kellu d-dmir, qabel ma jidhol fi Triq il-Harifa, li jara setax jaghmel hekk bla ma johloq diffikultajiet ghal sewwieqa ohra li gà kienu f'dik it-triq[5]. Meta ra lil Grima li kellu jigbed lejn nofs it-triq minhabba fil-karrozzi l-ohra, ma kienx imissu dahal fit-Triq fejn kien Grima biex irossu jew, kif gara fil-kaz tallum, jahbat mieghu. Minflok stenna sakemm johrog Grima, il-konvenut baqa' diehel ghalkemm ra li ma setax juza l-wisgha tat-triq mnejn kien ghaddej Grima, u ghalhekk il-htija hija tieghu.

Min-naha l-ohra, jekk il-konvenut lil Grima ma rahx, mela ma kienx attent fis-sewqan, u l-htija xorta hija tieghu.

---

2 *Foll.* 49 *et seq.*

3 *Fol.* 7.

4 Ara l-verbal ta' l-a``ess tat-22 ta' Jannar 1998, *fol.* 76.

5 Ara **Edward Attard *versus* Joseph Zammit**, Qorti ~ivili, Prim'Awla, 16 ta' April 1993, u **Dr Louis Bianchi *nomine versus* Roberta Patinott**, Qorti ~ivili, Prim'Awla, 18 ta' Mejju 1995.

Il-qorti ghalhekk tichad it-tielet eccezzjoni u tilqa' l-ewwel talba billi tghid li l-konvenut wahdu kien jahti ghall-habta.

L-atturi esebuw ricevuti biex juru kemm kienu d-danni. L-ispejjez b'kollox kienu dawn:

| | |
| --- | --- |
| • *panel beating* (*fol.* 8) | Lm 86.25 |
| • *spray* (*fol.* 9) | Lm 97.75 |
| • *parts* (*fol.* 10) | Lm 57.56 |
| • *parts* (*fol.* 11) | Lm 59.72 |
| • *parts* (*fol.* 12) | Lm 9.43 |
| • *parts* (*fol.* 12) | Lm 36.82 |
| B'kollox | Lm 347.53 |

Barra minn hekk, l-atturi nefqu wkoll tliet liri u hamsa u erbghin centezmu (Lm3.45) ghar-rapport tal-pulizija, u ghaxar liri (Lm10.00) bhala dritt biex sar *survey*, b'kollox tliet mija u sittin lira u tmienja u disghin `entezmu (Lm360.98). Jidher li dawn huma l-ispejjez li ghamlu z-zewg atturi u mhux l-assikuratur biss, *i.e.* huwa maghdud ukoll l-*excess* li hallas Grima.

Billi t-talba ghal-likwidazzjoni tad-danni kienet mehtiega biex seta' jsir dan l-esercizzju, il-hames eccezzjoni hija michuda".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'aggravju li hu limitat ghall-eccezzjoni ta' l-inkompetenza rationae valoris, eccezzjoni dwar ir-responsabilita' ta' l-incident taht ezami, u eccezzjoni dwar il-quantum tad-danni reklamati. Dan l-ahhar aggravju hu wiehed biss formali inkwantu l-appellant jikkontendi li jekk ir-responsabilita' ghall-incident kienet ser tigi, kif jippretendi hu, akkollata fuq l-attur Bartolomew Grima, allura xejn ma kellu jhallas hu in linea ta' danni. Din il-kontestazzjoni allura ma tirrizultax li hi wahda fir-rigward tal-quantum *ut sic* imma fir-rigward tar-responsabilita' biss.

**A) Dwar l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza rationae valoris fir-rigward ta' l-appellat attur, Bartholomew Grima**

B'dan l-aggravju l-appellant, filwaqt li jaghmel rikjam ghall-fatt li l-ewwel Qorti bis-sentenza appellata invokat l-artikolu 161 subinciz (3) u sibinciz (5) tal-Kap 12 propju biex tiggustifika li hi kellha kompetenza biex tikkonsidra u tiddeciedi l-pretensjoni ta' l-attur Bartholomew Grima, nonostante illi l-ammont minnu reklamat kien markatament mhux fil-kompetenza taghha rationae valoris, u dana peress illi tali kompetenza tigi attirata in vista tal-fatt illi dik it-talba kienet maghmula flimkien mat-talba tas-socjeta' assikuratrici attrici li, ex admissis, tissubentra fil-

kompetenza tal-Prim'Awla, jissottometti illi l-ewwel Qorti injorat it-tieni parti tas-subinciz 3 ta' dan l-istess artikolu. Dan jghid testwalment illi: "Ir-raguni ghaliex ikunu qeghdin isiru l-kawzi u l-mertu taghhom ghandha tigi dikjarata b'mod car u specifiku minn kull attur". L-appellant jissottometti li baghat lil Romeo Grima li ma ndikax ir-raguni ghala kienet qed issir il-kawza tieghu flimkien ma' dik tas-socjeta' attrici. Ghalhekk kien jonqos element essenzjali biex il-Prim'Awla tiehu konjizzjoni ta' dik il-parti ta' l-azzjoni li kienet tikkoncerna lill-istess Grima propju ghaliex, bhala attur, hu ma kienx iddikjara b'mod car u specifiku r-raguni ghaliex il-kawza tieghu kienet qed issir flimkien ma' dik tas-socjeta' assiguratrici attrici.

Dan l-aggrajvu hu manifestament insostenibbli. Dan ghaliex kien aktar minn ovvju li ma kien hemm l-ebda lok ghad-dikjarazzjoni li l-appellant kien qed jippretendi li kellha ssir ghaliex fil-verita' lanqas jista' jinghad li dawn huma zewg kawzi differenti b'mertu distint. Kienu, ghall-kuntrarju, zewg talbiet minn zewg atturi differenti li jirrelataw ghall-istess incident u huma effettivament dipendenti minn ohra dikjaratorja tar-responsabilita' ghalih. Hija allura azzjoni unika tentata minn zewg atturi kontra l-istess konvenut biex dan jigi ritenut unikament responsabbli ghall-istess incident, li bhala konsegwenza tieghu huma t-tnejn sofrew danni, anke jekk fi grad inugwali.

Is-subinciz 3 ta' l-art. 161 tal-Kap 12 saggjament jipprovdi ghall-possibilita' li zewg atturi jew aktar jibdew il-kawza taghhom permezz ta' citazzjoni wahda "Jekk il-kawzi jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin minhabba fil-mertu taghhom, u jekk id-decizjoni li tinghata ghal wahda mill-kawzi tista' tilqot id-decizjoni dwar il-kawza jew il-kawzi l-ohra, u jekk il-provi li jingiebu f'wahda mill-kawzi jkunu generalment l-istess provi li ghandhom jingiebu fil-kawza jew fil-kawzi l-ohra". Provvediment dan immirat fuq kollox ghall-ekonomija tal-gudizzju u biex tigi evitata l-proliferazzjoni tal-kawzi.

Indubbjament il-kaz taht ezami hu kaz klassiku fejn zewg atturi li sofrew danni fl-istess incident ifittxu lill-istess konvenut biex tigi stabbilita r-responsablita' tieghu ghas-sinistru fil-konfront taghhom u biex jigi kkundannat ihallashom l-ispejjez konsegwenzjali. Hu veru li l-provvediment jipprovdi li r-raguni ghaliex ikunu qeghdin isiru l-kawzi u l-mertu taghhom ghandhom jigu dikjarati b'mod car u specifiku minn kull attur. Pero' l-ligi ma tistabbilix b'liema mod kellha ssir tali dikjarazzjoni tar-raguni. Hu car illi hemm kazijiet – u dan hu ovvjament wiehed minnhom – fejn ir-raguni tkun tirrizulta mill-istess citazzjoni, mill-mertu taghha u c-cirkostanzi li jipprovokawha. Fejn l-interess guridiku ta' l-atturi jkun identiku, fejn il-finalita' taghha jkun l-istess, fejn l-istess ikunu

l-kawzalijiet u identici jkunu t-talbiet, hlief ghall-ammont dovut lil kull wiehed mill-atturi, hu manifest li ma tinhtieg l-ebda dikjarazzjoni espressa biex jigi sodisfatt il-vot ta' din id-disposizzjoni. Hu kaz ta' res ipsa loquitur. Dan l-aggravju qed jigi allura respint.

## B. Dwar ir-responsabilita' ta' l-incident

Il-konvenut jibqa' jsostni, anke quddiem din il-Qorti, li l-htija ghas-sinistru kellha kollha kemm hi tigi akkollata lill-attur l-iehor Bartholomeo Grima. Jissottometti mill-gdid li kien dan Grima li ostakolalu l-passagg liberu billi invada dik in-naha tal-karreggjata li ma kienetx propju tieghu, u li kien b'konsegwenza ta' hekk li l-incident kien sehh. L-appellant jissottometti li "dak li jkun fil-parti 'l hazina tat-triq, kellu joqghod ferm attent u jkollu kawtela akbar min-normali fil-manuvri tieghu, u dan ghaliex il-karozzi li jkunu mexjin fid-dritta taghhom (sottolinejar ta' din il-Qorti) ma jkunux qeghdin jistennew u jharsu dik id-diligenza totali normalment rikjesta fis-sewqan taghhom, anke fid-direzzjoni tat-toroq minn fejn ma huwiex mistenni li ghandhom johorgu karozzi ohra". Din is-sottomissjoni tfalli qabel xejn mill-kostatazzjoni gusta li ghamlet l-ewwel Qorti li l-konvenut ma kienx qed jimxi fid-dritta tieghu. Kien ghall-kuntrarju qieghed jaghmel manuvra li kienet tirrikjedi attenzjoni massima, dik cioe' illi minn triq laterali, meta wasal fl-inkrocju, jidhol ghal got-triq fuq ix-xellug tieghu. Ir-regolamenti kienu jimponu fuqu illi mhux biss jieqaf

assolutament fil-bokka ta' l-inkrocju, imma wkoll illi jassikura ruhu illi ma jirfisx fuqu qabel ma jkun cert li ma jkunx riesaq traffiku lejh miz-zewg direzzjonijiet fuq it-triq fejn xtaq jirfes.

Ghandu jigi enfasizzat li dan mhux il-kaz ta' incident li gara fis-salib it-toroq, tant li kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, l-attur Grima kien ghadu, kompletament u sewwa, fit-triq fejn kien qieghed isuq, u kien ghadu ma lahaqx salib it-toroq, u infatti l-karozzi, kif spiccaw wara l-habta, juru li Grima kien ghadu kompletament fi triqtu.

Gustament allura l-ewwel Qorti stabbiliet waqt l-access illi l-konvenut Vella, minn fejn xtaq johrog minn go Triq ir-Rebbiegha, kellu viswali fit-tul lejn ix-xellug tieghu ghal go Triq il-Harifa, fejn kien qed isuq l-attur Grima. Dan ifisser illi l-konvenut appellant seta' u messu ra lill-istess Grima gej mid-direzzjoni tax-xellug tieghu. Il-fatt il ma rahx ifisser li ma kienx qieghed izomm *a proper look out* fil-mument meta ddecieda li johrog ghal fuq l-inkrocju. Ma jibqa' assolutament l-ebda skuza fis-sottomissjoni li sab lil Grima ma' wiccu ghaliex kien qed isuq *wrong side* jew ghal nofs it-triq. Anke jekk dan kien minnu hu kien messu kien f'posizzjoni, anke jekk wieqaf fl-inkrocju, li jara lil Grima gej. Il-fatt li jammetti li ma rahx hu prova wahdu li l-appellant ma kienx attent fis-sewqan tieghu, kien traskurat u ma kienx qieghed sewwa josserva dak li

kien qieghed jigri fit-triq li fuqha ried jirfes. Manuvra din li ma setghax jaghmel jekk mhux qabel ma jkun accerta ruhu illi b'hekk ma kienx sejjer ifixkel f'dak il-mument l-utenti ta' dik it-triq.

Hi zbaljata l-affermazzjoni ta' l-appellant illi l-fatt biss illi sewwieq ikun qieghed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq, kien prova konkluziva tal-htija tieghu ghas-sinistru. Il-principju ormai stabbilit fil-gurisprudenza hu propju l-kontra. L-utent tat-triq seta' jutilizza t-triq kollha sakemm dan ma kienx jikkostitwixxi perikolu ghall-utenti l-ohra ta' dik it-triq, u dana sakemm dak is-sewqan ikun prudenti, mehtieg u suggerit fic-cirkostanzi. Ir-regola kellha tkun illi d-driver izomm fuq in-naha tieghu tat-triq, pero' kien hemm cirkostanzi fejn dan ma kienx determinanti biex tigi stabbilita r-responsabilita' ghas-sinistru. Il-Qorti kellha ghalhekk tikkonsidra l-elementi kollha li kkontribwew ghalih fid-dawl tar-regolamenti li kienu jiggvernaw is-sewqan tad-drivers involuti f'dak il-mument. Kellha allura tiddetermina x'kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu. Indubbjament fil-kaz taht ezami, dan kien il-fatt kif l-appellant, b'mod inkonsult u traskurat, saq wara li lahaq l-inkrocju bejn Triq ir-Rebbiegha u Triq il-Harifa. L-apprezzament ta' l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward hu allura wiehed korrett, u s-sentenza appellata gusta.

**C. L-aggravju dwar l-quantum`**

Fid-dawl tal-konkluzzjoni raggjunta minn din il-Qorti fir-rigward tar-responsabilita' mhux il-kaz li tikkonsidra l-aggravju ta' l-appellant dwar il-quantum tad-danni likwidati. Dan billi kif inghad, dan kien jiddependi unikament fuq l-eventwalita' li din il-Qorti tvarja d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward tal-htija ghas-sinistru.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Dep/Reg

mm